

Brussell, 13 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10585/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0122(COD)

CODEC 1183
TRANS 290
SOC 451
PE 91

NOTA TA' INFORMAZZJONI

| | |
|----------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi - Eżitu tal-proċedimenti tal-Parlament Ewropew (Strasburgu mit-2 sal-5 ta' Lulju 2018) |

I. INTRODUZZJONI

Ir-relatur, is-Sur Wim VAN DE CAMP (PPE, NL), ippreżenta rapport li jikkonsisti f'79 emenda (l-emendi 1-79) għall-proposta għal Regolament, f'isem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu.

Barra minn hekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ressaq għaxrin emenda (l-emendi 80-99). Il-gruppi politiċi ressqu l-emendi li ġejjin: Il-Ħodor/AHE seba' emendi (l-emendi 100 u 102-107), ENF sitt emendi (l-emendi 108-113). Sitt emendi tressqu minn aktar minn 38 MEP (l-emendi 101 u 114-118).

II. VOTAZZJONI

Meta vvutat fl-4 ta' Lulju 2018, il-plenarja adottat l-emendi 1-30, 33-41, 42/1, 43-44, 45cp1/1, 45cp2-3, 46-79, 83-84, 86, 91, 96 u 114 għall-proposta għal Regolament. Madankollu, l-abbozz ta' att leġislattiv, kif emendat, ma ġiex adottat¹.

Peress li l-abbozz ta' att leġislattiv, kif emendat, ma kisibx maġġoranza tal-voti, il-kwistjoni tressqet lura lill-Kumitat għal rikonsiderazzjoni, skont l-Artikolu 59(4)(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, b'hekk l-ewwel qari tal-Parlament ma ngħalaqx.

¹ 229 favur, 422 kontra, 30 astensjoni.